

Brussell, 9 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7103/26
ADD 1

DELECT 46
VETER 29
AGRILEG 42

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1412 annex
Suġġett:	ANNESS tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2023/361 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-użu ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 1412 annex.

Mehmuż: C(2026) 1412 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.3.2026
C(2026) 1412 final

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2023/361 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-użu ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat

ANNESS

PARTI 1

L-Annessi VIII, X, XI u XIV huma emendati kif ġej:

1. Fl-Anness VIII, il-Parti 1, il-punt (1) huwa sostitwit bit-test li ġej:
“1. Daqs taż-żona tat-tilqim: raġġ ta’ mill-inqas 50 km madwar l-istabbilimenti affettwati jew tilqim f’ċirku bejn 20 u 50 km.”
2. Fl-Anness VIII, il-Parti 3(3), l-ewwel żewġ sentenzi huma sostitwiti b’dan li ġej:
“3. Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta’ deroga f’konformità mal-Artikolu 13(2), il-punt (b), l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 13(4). Movimenti tal-annimali u tal-prodotti tagħhom li jistgħu jiġu awtorizzati.”
3. Fl-Anness VIII, il-Parti 4, il-kelma “rkupru” hija sostitwita bil-kelma “stennija”;
4. Fl-Anness X, il-Parti 1, il-punt (4) huwa sostitwit b’dan li ġej:
“4. Kopertura minima: Il-kopertura tal-vaċċin trid tkun mill-inqas 95 % tal-istabbilimenti fiż-żona tat-tilqim li jirrappreżentaw mill-inqas 80 % tal-annimali fil-mira fiż-żona tat-tilqim.”
5. Fl-Anness X, il-Parti 3 hija sostitwita b’dan li ġej:

“PARTI 3

KUNDIZZJONIJET SPEĊIFIĊI GĦALL-PROJBIZZJONI TAL-MOVIMENTI TAL-ANNIMALI U TAL-PRODOTTI U GĦALL-GĦOTI TA’ DEROGA F’KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 13, F’ŻONA TAT-TILQIM FEJN ISIR TILQIM PROTETTIV TA’ EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L- KONTROLL TAL-PPR

1. Annimali u prodotti tagħhom soġġetti għall-projbizzjoni tal-movimenti
L-istess annimali u prodotti, li jinsabu fiż-żoni tat-tilqim, bħal dawk soġġetti għal restrizzjonijiet fi stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni ta’ protezzjoni u ta’ sorveljanza stabbiliti fil-każ ta’ tifqigħa tal-PPR prevista fl-Artikolu 27 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u bl-istess restrizzjonijiet.
2. Prodotti ġerminali soġġetti għall-projbizzjoni tal-ġbir: semen, ooċiti u embrijuni minn annimali tal-ispeċijiet elenkati.
3. Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta’ deroga f’konformità mal-Artikolu 13(2) il-punt (b), l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 13(4). Movimenti tal-annimali u tal-prodotti tagħhom li jistgħu jiġu awtorizzati:
 - 3.1 Movimenti tal-annimali mlaqqmin u tal-prodotti tagħhom minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona tat-tilqim, bl-istess kundizzjonijiet ġenerali bħal dawk previsti fl-Artikolu 43 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u biss fil-każijiet koperti minn u bl-istess kundizzjonijiet speċifiċi bħal dawk previsti fl-Artikoli 44, 45, 48, 49, 51 u 53 ta’ dak ir-Regolament fir-rigward taż-żona ta’ sorveljanza.
 - 3.2 Movimenti tal-annimali mlaqqmin u tal-prodotti tagħhom minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona tat-tilqim, dment li dawk l-istabbilimenti ma jibqgħux iżommu annimali mlaqqmin.

3.3 Movimenti tal-annimali mlaqqmin u tal-prodotti tagħhom minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona tat-tilqim wara li jkunu għaddew sentejn mill-waqfien tat-tilqim.”

6. Fl-Anness X, il-Parti 4 hija sostitwita b’dan li ġej:

“PARTI 4

PERJODI TA’ STENNIJA GĦALL-PPR WARA TILQIM PROTETTIV TA’ EMERĠENZA

L-awtorità kompetenti għandha żżomm fiż-żona tat-tilqim il-kundizzjonijiet previsti fil-Parti 3 sakemm:

Perjodu ta’ stennija	Tip ta’ sorveljanza li għandha tiġi implimentata biex jintwera n-nuqqas ta’ okkorrenza tal-PPR matul il-perjodu ta’ stennija
6 xhur wara l-iskarnar jew il-qtil tal-annimali mlaqqmin kollha	Sorveljanza klinika u tal-laboratorju (identifikazzjoni tal-patoġeni u detezzjoni tal-antikorpi), f’konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c)(ii) sa (iv)
24 xahar wara l-aħħar tilqim	Sorveljanza klinika u tal-laboratorju (identifikazzjoni tal-patoġeni u detezzjoni tal-antikorpi), f’konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c)(ii) sa (iv)”

7. Fl-Anness XI, il-Parti 3 hija sostitwita b’dan li ġej:

“PARTI 3

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PROJBIZZJONI TAL-MOVIMENTI TAL-ANNIMALI U TAL-PRODOTTI U GĦALL-GĦOTI TA’ DEROGA F’KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 13, F’ŻONA TAT-TILQIM FEJN ISIR TILQIM PROTETTIV TA’ EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-AHS

1. Annimali u prodotti tagħhom soġġetti għall-projbizzjoni tal-movimenti Annimali ekwini u l-prodotti ġerminali tagħhom.
2. Prodotti ġerminali soġġetti għall-projbizzjoni tal-ġbir: xejn.
3. Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta’ deroga f’konformità mal-Artikolu 13(2) il-punt (b), l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 13(4). Movimenti tal-annimali u tal-prodotti tagħhom li jistgħu jiġu awtorizzati:
 - 3.1. Movimenti tal-annimali ekwini mlaqqmin mill-istabbiliment fejn ikunu nżammu fiż-żmien meta sar it-tilqim, dment li:
 - (a) ikunu tlaqqmu aktar minn 40 jum qabel il-moviment;
 - (b) ikunu għaddew minn kontroll tal-identità u eżami kliniku minn qabel kif imsemmi fl-Artikolu 91(1), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688;

- (c) ma jkunu wera l-ebda sintomu kliniku tal-AHS fil-jum tal-eżami kliniku;
- (d) jiġu identifikati permezz ta' transponder u jinżamm rekord tat-tilqim kontra l-AHS fid-dokument permanenti uniku tagħhom u fil-bażi tad-data tal-kompjuter imsemmija fl-Artikolu 109(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2016/429;
- (e)
 - (i) jinżammu fi stabbiliment protett mill-vettur kif definit fl-Artikolu 2(18) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għal perjodu ta' mill-inqas 14-il jum qabel il-moviment u jkunu soġġetti għal test ta' identifikazzjoni tal-aġenti għall-AHS, fi tmiem dan il-perjodu, b'riżultat favorevoli, jew
 - (ii) jinżammu fi stabbiliment protett mill-vettur għal mill-inqas 40 jum qabel il-moviment;
- (f) ikunu protetti mill-attakk ta' vetturi.”

8. Fl-Anness XI, il-Parti 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

“PARTI 4

PERJODI TA' STENNIJA GĦALL-AHS WARA TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA

L-awtorità kompetenti għandha żżomm fiż-żona tat-tilqim il-kundizzjonijiet previsti fil-Parti 3 sakemm:

Perjodu ta' stennija	Tip ta' sorveljanza li għandha tiġi implimentata biex jintwera n-nuqqas ta' okkorrenza tal-AHS matul il-perjodu ta' stennija
12-il xahar mill-aħħar annimal li tlaqqam u sentejn mill-aħħar tifqigħa	Sorveljanza klinika u tal-laboratorju (identifikazzjoni tal-patoġeni u detezzjoni tal-antikorpi fil-każ ta' użu ta' vaċċinazzjoni DIVA), f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c)(ii) sa (iv)”

9. Fl-Anness XIV, il-Parti 3, il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' deroga f'konformità mal-Artikolu 13(2), il-punt (b), l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 13(4). Movimenti tal-annimali u tal-prodotti tagħhom li jistgħu jiġu awtorizzati:

Movimenti tal-pollam jew tal-għasafar miżmuma fil-maġhluq imlaqqmin u l-prodotti tagħhom fiż-żona tat-tilqim u barra minnha, biss fil-każijiet koperti mill-Artikoli 28, 29, 30, 31, 33, 34 u 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u bl-istess kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi bħal dawk previsti fihom.”

10. Fl-Anness XIV, il-Parti 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

“PARTI 4

PERJODI TA' STENNIJA GĦALL-NCD WARA TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA

L-awtorità kompetenti għandha żżomm fiż-żona tat-tilqim il-kundizzjonijiet previsti fil-Parti 3 sakemm:

Perjodu ta' stennija	Tip ta' sorveljanza li għandha tiġi implimentata biex jintwera n-nuqqas ta' okkorrenza tal-NCD matul il-perjodu ta' stennija
3 xhur wara t-tlestija tat-tilqim protettiv ta' emerġenza jew fiż-żmien tat-tneħħija f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat 2020/687, taż-żoni ristretti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament Delegat, skont liema seħħ l-aħħar.	Sorveljanza klinika u tal-laboratorju (identifikazzjoni tal-patoġeni u detezzjoni tal-antikorpi), f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c)(ii) sa (iv)”

PARTI 2

1. L-Anness VII huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNEX VII

Il-marda tal-ilsien u d-dwiefer (FMD, foot and mouth disease)

PARTI 1

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TA' TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-FMD

- Tip ta' vaċċin li għandu jintuża:** Vaċċini inattivati; vaċċini ħajjin attenwati ma għandhomx jintużaw.
- Daqs taż-żona tat-tilqim u taż-żona tal-peritilqim:**
 - Żona tat-tilqim: l-ebda regola speċifika.
 - Żona tal-peritilqim: Iż-żona tal-peritilqim għandha tkun ta' wisa' ta' mill-inqas 10 km mill-perimetri taż-żona tat-tilqim.
- Kopertura minima:** Għandha tiġi adattata skont ir-razza fiċ-ċirkolazzjon, l-effettività tal-bijosigurtà fl-istabbilimenti u d-densità tal-animali, fiż-żona tat-tilqim. Bħala linja bażi, il-kopertura tal-vaċċin għandha timmira għal mill-inqas 80 % tal-istabbilimenti fiż-żona tat-tilqim u għal 80 % tal-animali fil-mira għal kull speċi miżmuma f'kull wieħed minn dawk l-istabbilimenti magħżula għall-applikazzjoni tat-tilqim.

4. **Annimali/speċijiet fil-mira:** L-ispeċijiet elenkati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882.

PARTI 2

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAS-SORVELJANZA KLINIKA U TAL-LABORATORJU MSAĦĦA LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI FIŻ-ŻONI TAT-TILQIM U TAL-PERITILQIM MATUL IT-TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-FMD

Sorveljanza klinika u tal-laboratorju msaĦĦa għandha tiġi implimentata fiż-żona tat-tilqim, li tibda mhux aktar kmieni minn 30 jum wara t-tlestija tat-tilqim protettiv ta' emerġenza. Din is-sorveljanza għandha tinkludi:

1. eżami kliniku ta' wieħed mit-tipi li ġejjin:
 - (a) eżami kliniku tal-annimali kollha tal-ispeċijiet elenkati miżmuma fl-istabbilimenti kollha fiż-żona tat-tilqim;
 - (b) eżami kliniku mmirat lejn speċijiet partikolari li x'aktarx juru sinjali kliniċi ċari, jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi dan, abbażi tal-eżitu pożittiv ta' valutazzjoni tar-riskju;
2. eżami fil-laboratorju kif ġej:
 - (a) testijiet tal-antikorpi kontra proteini mhux strutturali tal-virus tal-FMD imwettqa fuq kampjuni meħuda minn annimali mlaqqmin tal-ispeċijiet elenkati u l-wild mhux imlaqqam tagħhom fl-istabbilimenti kollha fiż-żona tat-tilqim li fiha jkun sar it-tilqim; id-daqs tal-kampjun għandu jiġi kkalkulat għad-detezzjoni ta' prevalenza tal-annimali fl-istabbiliment ta' 5 % jew inqas, b'livell ta' fiduċja ta' 95 %, kemm fl-annimali mlaqqmin kif ukoll f'dawk mhux imlaqqmin;
 - (b) testijiet, jew b'assaggġ għall-antikorpi kontra proteini mhux strutturali tal-virus tal-FMD, jew b'metodu approvat ieħor, imwettqa fuq kampjuni miġbura f'konformità mal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 mill-istabbilimenti kollha fiż-żona tat-tilqim li fiha ma jkunx sar it-tilqim;
 - (c) meta l-annimali introdotti fl-istabbilimenti affettwati bħala parti mir-ripopolament tagħhom jintużaw bħala annimali sentinella, għandhom jitqiesu l-kundizzjonijiet għar-ripopolament tal-istabbilimenti affettwati previsti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

PARTI 3

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PROJBIZZJONI TAL-MOVIMENTI TAL-ANNIMALI U TAL-PRODOTTI U GĦALL-GĦOTI TA' DEROGA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 13, F'ŻONI TAT-TILQIM FEJN ISIR TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-FMD

1. **Annimali u prodotti tagħhom soġġetti għall-projbizzjoni tal-movimenti**
 - (a) annimali tal-ispeċijiet elenkati minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona tat-tilqim;
 - (b) laħam frisk, ħalib mhux ipproċessat u kolostru miksuba minn annimali mlaqqmin;
 - (c) prodotti tal-ħalib u prodotti bbażati fuq il-kolostru prodotti mill-ħalib u mill-kolostru miksuba minn annimali mlaqqmin;

2. **Prodotti ġerminali soġġetti għall-projbizzjoni tal-ġbir:** semen għall-inseminazzjoni artifiċjali minn annimali donaturi tal-ispeċijiet elenkati miżmuma fi stabbilimenti approvati tal-prodotti ġerminali li jinsabu fiż-żona tat-tilqim.

3. **Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' deroga f'konformità mal-Artikolu 13(2), il-punt (b), l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 13(4)**

3.1. Mill-bidu tat-tilqim protettiv ta' emerġenza sakemm ikunu għaddew mill-inqas 30 jum wara li jitlestha, dawn li ġejjin jistgħu jiġu awtorizzati:

- (a) movimenti għall-iskarnar ta' annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona tat-tilqim lejn biċċerija li tinsab fiż-żona tat-tilqim jew kemm jista' jkun qribha, fl-istess Stat Membru, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 24, l-Artikolu 28(2), (3), (4), (5) u (7) u l-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;
- (b) Movimenti tal-laħam frisk u tal-ħalib mhux ipproċessat miksuba minn annimali mlaqqmin bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti fl-Artikolu 24, l-Artikolu 28(2), (3), (4), (6) u (7) u l-Artikolu 33(1), il-punt (a), u l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;
- (c) Movimenti tal-prodotti tal-ħalib prodotti mill-ħalib miksuba minn annimali mlaqqmin jekk ikunu għaddew minn trattament effettiv għall-FMD f'konformità mal-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u biss jekk matul il-proċess tal-produzzjoni, tal-ħżin u tat-trasport ikunu ġew separati minn prodotti mhux eliġibbli għad-dispaċċ barra miż-żona tat-tilqim skont dan ir-Regolament;
- (d) il-ġbir tas-semen għall-inseminazzjoni artifiċjali minn annimali donaturi tal-ispeċijiet elenkati miżmuma fi stabbilimenti approvati tal-prodotti ġerminali li jinsabu fiż-żona tat-tilqim għall-produzzjoni ta' semen iffriżat, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (i) jiġi żgurat li s-semen miġbur matul dan il-perjodu jinħażen separatament għal mill-inqas 30 jum;
 - (ii) qabel ma jintbagħat is-semen, jew:
 - l-annimal donatur ma jkunx tlaqqam u jiġu ssodisfati l-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 32, il-punti (b) u (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687; jew
 - l-annimal donatur ikun tlaqqam wara riżultat negattiv għal eżami fil-laboratorju għad-detezzjoni ta' antikorpi kontra-l-virus tal-FMD mwettaq qabel it-tilqim; kif ukoll
 - ikun inkiseb riżultat negattiv f'eżami fil-laboratorju għad-detezzjoni ta' virus jew ġenoma virali, jew f'test approvat għad-detezzjoni ta' antikorpi kontra proteini mhux strutturali tal-virus tal-FMD, imwettaq fi tmiem il-perjodu ta' kwarantina għas-semen fuq kampjuni meħuda mill-annimali kollha tal-ispeċijiet elenkati preżenti f'dak iż-żmien fl-istabbiliment approvat tal-prodott ġerminali; kif ukoll

- is-semen jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Parti 5, il-Kapitolu I, il-punt 3, tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686.
- 3.2. Matul il-perjodu li jibda mhux aktar kmieni minn 30 jum wara t-tlestija tat-tilqim protettiv ta' emerġenza sakemm titlesta s-sorveljanza speċifika prevista fil-Parti 2 ta' dan l-Anness, dawn li ġejjin jistgħu jiġu awtorizzati:
- (a) movimenti għall-iskarnar ta' annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati miżmuma fiż-żona tat-tilqim lejn biċċerija li tinsab fiż-żona tat-tilqim jew barra minnha iżda fl-istess Stat Membru, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti fl-Artikolu 24 u l-Artikolu 28(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;
 - (b) Movimenti tal-laħam frisk, minbarra l-ġewwieni, miksuba minn unġulati mlaqqmin tal-ispeċijiet elenkati, minbarra annimali porċini, jekk il-laħam frisk:
 - jikkonforma mal-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 28(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;
 - ikun ġie dissussat u jkunu tneħħew il-limfonodi aċċessibbli ewlenin;
 - ikun, jew ikun inkiseb minn, karkassi li jkunu ġew soġġetti għal proċess ta' maturazzjoni f'temperatura ta' aktar minn 2 °C għal mill-inqas 24 siegħa u l-valur pH irregiŕtrat fin-nofs tal-muskolu *Longissimus dorsi* kien ta' inqas minn 6,0;
 - (c) Movimenti tal-laħam frisk miksub minn unġulati tal-ispeċijiet elenkati, minbarra annimali porċini, miżmuma u skarnati barra miż-żona tat-tilqim;
 - (d) Movimenti tal-laħam frisk, minbarra l-ġewwieni, miksuba minn annimali porċini mlaqqmin skarnati f'dan il-perjodu, jekk il-laħam frisk ikun ġie prodott bil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 24, l-Artikolu 28(2), (3), (4), (6) u (7) u l-Artikolu 33(1), il-punt (a), u l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;
 - (e) Movimenti tal-ħalib mhux ipproċessat miksub minn annimali mlaqqmin bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti fl-Artikolu 24, l-Artikolu 28(2), (3), (4), (6) u (7) u l-Artikolu 33(1), il-punt (a), u l-Artikolu 33(2), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;
 - (f) Movimenti tal-prodotti tal-ħalib miksuba minn annimali mlaqqmin jekk dawk il-prodotti tal-ħalib ikunu għaddew minn trattament effettiv kontra l-FMD f'konformità mal-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u biss jekk matul il-proċess tal-produzzjoni, tal-ħżin u tat-trasport ikunu ġew separati minn prodotti mhux eliġibbli għad-dispaċċ barra miż-żona tat-tilqim skont dan ir-Regolament.
 - (g) il-ġbir tas-semen għall-inseminazzjoni artifiċjali minn annimali donaturi tal-ispeċijiet elenkati miżmuma fi stabbilimenti approvati tal-prodotti ġerminali li jinsabu fiż-żona tat-tilqim bil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 3.1, is-subpunt (d).

- 3.3. Wara t-tlestija tas-sorveljanza speċifika prevista fil-Parti 2 ta' dan l-Anness, jistgħu jiġu awtorizzati dawn li ġejjin:
- (a) movimenti għall-iskarnar ta' annimali tal-ispeċijiet elenkati miżmuma fiż-żona tat-tilqim lejn biċċerija li tinsab fiż-żona tat-tilqim jew barra minnha, iżda fl-istess Stat Membru, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 24 u l-Artikolu 28(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;
 - (b) Movimenti tal-annimali mhux imlaqqmin tal-ispeċijiet elenkati, fiż-żona tat-tilqim jew barra minnha, iżda fl-istess Stat Membru, f'konformità mad-dispożizzjonijiet li ġejjin:
 - (i) fi żmien 24 siegħa qabel it-tagħbija, l-annimali kollha tal-ispeċijiet elenkati fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal eżami kliniku u ma jkunux urew sinjali kliniċi tal-FMD,
 - (ii) l-annimali baqgħu barra mill-istabbiliment tal-orijini ta' mill-inqas 30 jum li matulhom l-ebda animal tal-ispeċijiet elenkati ma ġie introdott fl-istabbiliment,
 - (iii) l-annimali maħsuba għall-moviment kienu jew soġġetti individwalment, b'riżultati negattivi, għal testijiet għad-detezzjoni ta' antikorpi kontra l-virus tal-FMD fi tmiem il-perjodu ta' 30 jum previst f'(ii), jew inkella tlesta sħarriġ seroepidemjologiku tal-popolazzjoni fuq dak l-istabbiliment irrispettivament mill-ispeċijiet ikkonċernati;
 - (iv) l-annimali ma jridux ikunu esposti għal xi sors ta' infezzjoni matul it-trasportazzjoni tagħhom mill-istabbiliment tal-orijini għall-post tad-destinazzjoni.
 - (c) Movimenti tal-għoġġiela mhux imlaqqmin, wild ta' baqar imlaqqmin lejn:
 - (i) stabbiliment fiż-żona tat-tilqim tal-istess stat ta' saħħa bħall-istabbiliment tal-orijini;
 - (ii) biċċerija għall-iskarnar immedjat;
 - (iii) stabbiliment iddeżinjat mill-awtorità kompetenti, li minnu l-wild għandu jintbagħat direttament għall-biċċerija;
 - (iv) kwalunkwe stabbiliment, wara li jkun ġie soġġett, b'riżultat negattiv, għal test għad-detezzjoni ta' antikorpi kontra l-virus tal-FMD, imwettaq fuq kampjun ta' demm li jkun ittieħed qabel id-dispaċċ mill-istabbiliment tal-orijini.
 - (d) Movimenti tal-laħam frisk, prodotti tal-laħam, ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib f'konformità mal-punt 3.2, il-punti (b) sa (f);
 - (e) ġbir tas-semen f'konformità mal-punt 3.1, il-punt (d).

PARTI 4

PERJODU TA' STENNIJA GĦALL-FMD WARA TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA

L-awtorità kompetenti għandha żżomm fiż-żona tat-tilqim il-kundizzjonijiet previsti fil-Parti 3 sakemm:

Perjodu ta' stennija	Tip ta' sorveljanza li għandha tiġi implimentata biex jintwera n-nuqqas ta' okkorrenza tal-FMD matul il-perjodu ta' stennija
3 xhur wara li l-aħħar animal imlaqqam fiż-żona tat-tilqim ikun inqatel jew ġie skarnat, minbarra l-animali msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament 2020/687	Sorveljanza klinika u tal-laboratorju (identifikazzjoni tal-patoġeni u detezzjoni tal-antikorpi), f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punti (c)(ii) sa (iv) u l-Parti 2 ta' dan l-Anness

2. L-Anness IX huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNEX IX

Infezzjoni bil-virus tal-marda tal-inafet fil-ġilda (LSD, lumpy skin disease)

PARTI 1

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TA' TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-LSD

1. **Tipi ta' żoni tat-tilqim**
 - 1.1. Żona tat-tilqim I: żona tat-tilqim fejn ma hemm l-ebda restrizzjoni marbuta mat-tifqigħat tal-LSD;
 - 1.2. Żona tat-tilqim II: żona tat-tilqim fejn japplikaw restrizzjonijiet b'rispons għat-tifqigħat tal-LSD;
2. **Daqs taż-żoni tat-tilqim u taż-żona tal-peritilqim**
 - 2.1. Żona tat-tilqim I: l-ebda rekwiżit speċifiku;
 - 2.2. Żona tat-tilqim II: mill-inqas iż-żoni inklużi fiż-żoni ta' protezzjoni, ta' sorveljanza u ta' żoni ristretti oħra stabbiliti wara l-konferma tal-LSD f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;
 - 2.3. Żona tal-peritilqim: l-ebda rekwiżit speċifiku.
3. **Tip ta' vaċċin li għandu jintuża jew jingħata prijorità:** għandha tingħata prijorità lill-użu ta' vaċċini ħajjin attenwati omologi.

4. **Kopertura minima:** Il-kopertura tal-vaċċin trid tkun ta' mill-inqas 90 % tal-istabbilimenti li jirrappreżentaw 75 % tal-popolazzjoni tal-annimali fil-mira taż-żona tat-tilqim.
5. **Annimali/speċijiet fil-mira:** annimali bovini miżmuma.

PARTI 2

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAS-SORVELJANZA KLINIKA U TAL-LABORATORJU MSAĦĦA LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI FIŻ-ŻONI TAT-TILQIM U TAL-PERITILQIM MATUL IT-TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-LSD

L-ebda rekwiżit addizzjonali speċifiku.

PARTI 3

ANNIMALI U PRODOTTI SOĠĠETTI GĦALL-PROJBIZZJONI TAL-MOVIMENTI U L-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-GĦOTI TA' DEROGA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 13 F'ŻONA TAT-TILQIM FEJN ISIR TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-LSD

1. **Annimali u prodotti tagħhom soġġetti għall-projbizzjoni ta' movimenti miż-żoni tat-tilqim**

- (a) annimali bovini mhux għall-iskarnar dirett;
- (b) prodotti ġerminali minn annimali bovini;
- (c) ġlud ta' annimali bovini.

2. **Prodotti ġerminali soġġetti għall-projbizzjoni tal-ġbir:** xejn.

3. **Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' deroga f'konformità mal-Artikolu 13(2), il-punt (b), l-Artikolu 13(3), u l-Artikolu 13(4), il-punt (b)**

Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet fuq il-moviment li japplikaw f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u minkejja l-kundizzjonijiet għall-għoti tad-derogi stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (5) u l-Artikolu 28(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, il-movimenti tal-annimali bovini li ġejjin u tal-prodotti tagħhom jistgħu jiġu awtorizzati:

- 3.1. **Movimenti tal-annimali bovini miż-żona tat-tilqim II lejn:**

- (a) kwalunkwe destinazzjoni fl-istess Stat Membru jekk:
 - (i) l-annimali bovini jkunu nżammu fl-istabbiliment tal-orìġini tagħhom mit-twelid jew għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ;
 - (ii) l-annimali bovini jkunu tlaqqmu kontra l-LSD mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ u jkunu għadhom fil-perjodu ta' immunità f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vaċċin f'dik id-data jew fil-perjodu ta' immunità indotta mill-immunità materna;
 - (iii) l-annimali bovini l-oħrajn kollha miżmuma fl-istess stabbiliment tal-orìġini bħall-annimali bovini li għandhom jiġu mċaqalqa jkunu tlaqqmu kontra l-LSD mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ u jkunu għadhom fil-perjodu ta' immunità f'konformità mal-

istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vaċċin f'dik id-data jew ikunu għadhom fil-perjodu ta' immunità indotta minn immunità materna;

- (iv) ikun twettaq eżami kliniku, b'riżultati favorevoli, tal-annimali bovini kollha miżmuma fl-istabbiliment tal-orġini, inklużi l-annimali bovini li għandhom jiġu mċaqalqa;
- (b) kwalunkwe destinazzjoni fi Stati Membri oħra, jekk, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a):
 - (i) il-programm ta' tilqim kontra l-LSD jkun tlesta fiż-żona tat-tilqim tal-orġini tal-annimali bovini, f'konformità mal-pjan ta' tilqim, mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ;
 - (ii) l-annimali bovini jikkonformaw ma' garanziji tas-saħħa tal-annimali, abbażi tal-eżitu favorevoli ta' valutazzjoni tar-riskju ta' miżuri kontra t-tixrid tal-LSD, meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orġini u awtorizzata mill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri tad-destinazzjoni;

3.2. Movimenti tal-annimali bovini miż-żona tat-tilqim I lejn kwalunkwe destinazzjoni fl-istess Stat Membru jew fi Stati Membri oħra, jekk:

- (a) ikun twettaq eżami kliniku, b'riżultati favorevoli, tal-annimali bovini kollha miżmuma fl-istabbiliment tal-orġini, inklużi l-annimali bovini li għandhom jiġu mċaqalqa;
- (b) l-annimali bovini:
 - (i) ikunu tlaqqmu kontra l-LSD mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ jew ikunu għadhom fil-perjodu ta' immunità indotta mill-immunità materna fid-data tad-dispaċċ; jew
 - (ii) ma jkunux tlaqqmu kontra l-LSD u ma jkunux fil-perjodu ta' immunità indotta mill-immunità materna, it-tilqim kontra l-LSD ikun waqaf fiż-żona tat-tilqim tal-orġini tal-annimali bovini, f'konformità mal-pjan ta' tilqim, u l-annimali bovini jkunu ġew soġġetti, b'riżultati negattivi, għal test ta' detezzjoni tal-virus tal-LSD jew test seroepidemjologiku għad-detezzjoni ta' antikorpi speċifiċi kontra l-virus tal-LSD;

3.3. Movimenti tal-prodotti ġerminali tal-annimali bovini miż-żoni tat-tilqim lejn kwalunkwe destinazzjoni, dment li l-annimali donaturi jkunu ġew eżaminati klinikament 28 jum qabel id-data tal-ġbir, kif ukoll matul il-perjodu kollu tal-ġbir, ma wrew l-ebda sintomu kliniku tal-LSD u jew:

- (a) ikunu tlaqqmu kontra l-LSD mill-inqas 28 jum qabel id-data tad-dispaċċ u jkunu għadhom fil-perjodu ta' immunità f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vaċċin f'dik id-data, jew
- (b) kienu soġġetti, b'riżultati negattivi, għal:
 - (i) test seroepidemjologiku għad-detezzjoni ta' antikorpi speċifiċi kontra l-virus tal-LSD, imwettaq fuq kampjuni tad-demmi miġbura:
 - fl-ewwel jum tal-ġbir u mill-inqas 28 jum wara l-perjodu tal-ġbir fir-rigward tas-semen, jew
 - fil-jum tal-ġbir fir-rigward tal-embrijuni u l-ooċiti;

(ii) jekk jinżamm fiż-żona tat-tilqim II, test tar-reazzjoni katina bil-polimerażi (PCR) għad-detezzjoni tal-LSD, imwettaq fuq kampjuni tad-demmi miġbura:

- fl-ewwel jum tal-ġbir u mill-inqas kull 14-il jum wara dan matul il-perjodu tal-ġbir fir-rigward tas-semen, jew
- fil-jum tal-ġbir fir-rigward tal-embrijuni u l-ooċiti;

3.4. Movimenti tal-ġlud miż-żoni tat-tilqim lejn kwalunkwe destinazzjoni, dment li jkunu ġew soġġetti għal trattament għall-mitigazzjoni tar-riskju kif stabbilit fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

4. **Kundizzjonijiet relatati mal-mezzi tat-trasport li jintużaw għall-moviment tal-annimali bovini miż-żoni tat-tilqim**

- (a) il-mezzi tat-trasport jinkludu biss l-annimali bovini tal-istess stat ta' saħħa;
- (b) jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;
- (c) dawn jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati f'konformità mal-Artikolu 24(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 taħt il-kontroll jew is-supervizzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

PARTI 4

PERJODI TA' STENNIJA GĦAL-LSD WARA TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA

L-awtorità kompetenti għandha żżomm fiż-żona tat-tilqim il-kundizzjonijiet previsti fil-parti 3 ta' dan l-Anness sakemm:

Perjodu ta' stennija	Tip ta' sorveljanza li għandha tiġi implimentata biex jintwera n-nuqqas ta' okkorrenza tal-LSD matul il-perjodu ta' stennija
8 xhur wara l-aħħar tilqim jew id-dizinfekzjoni tal-aħħar stabbiliment affettwat, skont liema jkun seħħ l-aħħar	Sorveljanza klinika u tal-laboratorju (identifikazzjoni tal-patoġeni, u detezzjoni tal-antikorpi f'annimali mhux imlaqqmin), f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c)(ii) sa (iv)"

3. L-Anness XII huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNEX XII

Id-deni klassiku tal-ħnieżer (CSF, classical swine fever) fl-annimali porċini miżmuma

PARTI 1

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TA' TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAS-CSF

1. **Daqs taż-żona tat-tilqim:** L-ebda kundizzjoni speċifika.
2. **Daqs taż-żona tal-peritilqim:** L-ebda kundizzjoni speċifika.
3. **Tip ta' vaċċin li għandu jintuża jew jingħata prijorità:** Vaċċini haġġin attenwati għandhom jingħataw prijorità. Vaċċini oħra jistgħu jintużaw biss għal raġunijiet debitament ġustifikati.
4. **Kopertura minima:** Il-kopertura tal-vaċċin trid tkun mill-inqas 95 % tal-istabbilimenti fiż-żona tat-tilqim li jirrappreżentaw 80 % tal-annimali xierqa fil-mira f'kull wieħed minn daww l-istabbilimenti.
5. **Annimali/speċijiet fil-mira:** L-annimali tal-ispeċijiet elenkati, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, miżmuma fiż-żona tat-tilqim.

PARTI 2

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAS-SORVELJANZA KLINIKA U TAL-LABORATORJU MSAĦĦA LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI FIŻ-ŻONI TAT-TILQIM U TAL-PERITILQIM MATUL IT-TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAS-CSF

Għandha tiġi implimentata sorveljanza klinika u tal-laboratorju msaħħa fiż-żoni tal-peritilqim u tat-tilqim biex jiġu identifikati l-istabbilimenti li jżommu l-annimali tal-ispeċijiet elenkati li kellhom kuntatt mal-virus tas-CSF mingħajr ma wrew sinjali kliniċi tal-marda.

Meta jkun għaddew mill-inqas 30 jum mit-tlestija tat-tilqim protettiv ta' emerġenza, għandha tinbeda s-sorveljanza li ġejja:

Fiż-żona tal-peritilqim: kull stabbiliment li jżomm l-annimali tal-ispeċijiet elenkati għandha ssirlu żjara mill-inqas darba minn veterinarju uffiċjali li għandu jwettaq kampjunar għas-sorveljanza tal-laboratorju b'testijiet ta' identifikazzjoni tal-patoġeni mmirati lejn l-annimali porċini miżmuma mejtin li jkollhom aktar minn 60 jum. Fin-nuqqas ta' tali annimali mejtin li jkollhom aktar minn 60 jum, il-kampjunar jista' jitwettaq fuq kwalunkwe annimal porċin miżmum li miet jew li nqatel wara l-ftam.

Fiż-żona tat-tilqim: kull stabbiliment fejn ikun sar it-tilqim għandha ssirlu żjara minn veterinarju uffiċjali li għandu jwettaq kampjunar:

- (i) minn annimali mlaqqmin tal-ispeċijiet elenkati għas-seroloġija biex tiġi vvalutata l-effettività tat-tilqim;
- (ii) minn tal-inqas l-ewwel żewġ annimali porċini miżmuma mejtin kull ġimgħa li jkollhom aktar minn 60 jum għall-identifikazzjoni tal-patoġeni. Fin-nuqqas ta' tali annimali mejtin li jkollhom aktar minn 60 jum, il-kampjunar jista' jitwettaq fuq kwalunkwe annimal porċin miżmum li miet jew li nqatel wara l-ftam.

PARTI 3

ANNIMALI U PRODOTTI SOĠĠETTI GĦALL-PROJBIZZJONI TAL-MOVIMENTI U L-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-GĦOTI TA' DEROGA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 13 F'ŻONA TAT-TILQIM FEJN ISIR TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAS-CSF

1. **Annimali u prodotti tagħhom soġġetti għall-projbizzjoni tal-movimenti**

L-annimali, il-prodotti ġerminali u l-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona tat-tilqim, huma soġġetti għall-projbizzjoni tal-movimenti barra miż-żona tat-tilqim:

- (a) annimali porċini mlaqqmin;
- (b) semen, ooċiti u embrijuni minn annimali porċini donaturi mlaqqmin;
- (c) laħam frisk u prodotti tal-laħam, inklużi l-budellati, miksuba minn annimali porċini mlaqqmin;

2. **Prodotti ġerminali soġġetti għall-projbizzjoni tal-ġbir**

Semen, ooċiti u embrijuni għal inseminazzjoni artifiċjali minn annimali porċini donaturi mlaqqmin miżmuma fi stabbilimenti approvati tal-prodotti ġerminali li jinsabu fiż-żona tat-tilqim.

3. **Il-kundizzjonijiet għall-ġħoti ta' deroga f'konformità mal-Artikolu 13(2), il-punt (b), l-Artikolu 13(3), u l-Artikolu 13(4)**

Movimenti tal-annimali u tal-prodotti tagħhom li jistgħu jiġu awtorizzati:

3.1. **movimenti tal-annimali porċini mlaqqmin, direttament mill-istabbiliment tal-oriġini lejn:**

- (a) biċċerija li tinsab kemm jista' jkun qrib iż-żona tat-tilqim, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti fl-Artikolu 24, l-Artikolu 28(2), (3), (4), (5) u (7) u l-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687; jew
- (b) fejn bħala riżultat tal-projbizzjoni fil-punt 1 jinqalgħu problemi relatati mal-benesseri tal-annimali fi stabbiliment fejn jinżammu l-annimali porċini, lejn stabbiliment kemm jista' jkun qrib iż-żona tat-tilqim, dment li:
 - (i) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 24, l-Artikolu 28(2), (3), (4), (5) u (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huma ssodisfati;
 - (ii) l-istabbiliment tad-destinazzjoni jappartjeni għall-istess katina tal-provvista u
 - (iii) l-annimali porċini mlaqqmin għandhom jiġu mċaqalqa biex jitlesta ċ-ċiklu tal-produzzjoni;
- (c) impjant approvat tal-prodotti sekondarji tal-annimali, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti fl-Artikolu 24, l-Artikolu 28(2), (3), (4), (5) u (7) u l-Artikolu 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;

3.2. **moviment tal-laħam frisk mill-annimali porċini mlaqqmin f'konformità mal-Artikolu 33(1), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u prodotti tal-laħam, inkluż il-budellat, jekk ikunu għaddew minn wieħed mit-trattamenti għall-mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;**

PARTI 4

PERJODI TA' STENNIJA GĦAS-CSF WARA TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA

L-awtorità kompetenti għandha żżomm fiż-żona tat-tilqim il-kundizzjonijiet previsti fil-parti 3 ta' dan l-Anness sakemm:

Perjodu ta' stennija	Tip ta' sorveljanza li għandha tiġi implimentata biex jintwera n-nuqqas ta' okkorrenza tas-CSF matul il-perjodu ta' stennija
3 xhur wara li l-annimali porċini kollha mlaqqmin ikunu ġew skarnati jew maqtula, minbarra l-annimali porċini miżmuma msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 meta jkun hemm mezzi, ivvalidati f'konformità mal-Manwal Terrestri tad-WOAH, li jiddistingwu bejn annimali porċini miżmuma mlaqqmin u daww infettati.	Sorveljanza klinika u tal-laboratorju (identifikazzjoni tal-patoġeni u detezzjoni tal-antikorpi), f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punti (c)(ii) sa (iv) u l-Parti 2 ta' dan l-Anness”

4. L-Anness XIII huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS XIII

L-Influenza Avjarja b'Patoġeniċità Għolja (HPAI)

PARTI 1

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TA' TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-HPAI

- Daqs taż-żona tat-tilqim:** raġġ ta' mill-inqas 3 km madwar l-istabbilimenti affettwati.
- Daqs taż-żona tal-peritilqim:** wisa' ta' mill-inqas 7 km mill-perimetri taż-żona tat-tilqim.
- Tip ta' vaċċin li għandu jintuża:** Vaċċini li ma jkunx fihom virus ħaj tal-influenza avjarja (il-vaċċini li fihom il-virus ħaj tal-influenza avjarja, kemm jekk attenwat kif ukoll jekk le, ma għandhomx jintużaw).
- Kopertura minima:** L-ebda kundizzjoni speċifika.
- Annimali/speċijiet fil-mira:** pollam u/jew għasafar miżmuma fil-magħluq miżmuma fl-istabbilimenti inklużi fil-pjan uffiċjali ta' tilqim.

PARTI 2

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAS-SORVELJANZA TAL-LABORATORJU MSAĦĦA LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI FIŻ-ŻONI TAT-TILQIM U TAL-PERITILQIM MATUL IT-TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-HPAI

Għall-fini tas-sorveljanza msaĦĦa kif stabbilit f'din il-Parti, "qatgħa" tfisser il-pollam jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq kollha tal-istess stat ta' saħħa li jinżammu fl-istess spazju u li jaqsmu l-istess spazju ta' arja.

Is-sorveljanza tal-laboratorju għad-detezzjoni bikrija tal-okkorrenza ta' infezzjoni bil-virus selvaġġ tal-HPAI għandha tiġi implimentata permezz ta' metodi ta' identifikazzjoni tal-patoġeni, fiż-żoni tat-tilqim u tal-peritilqim, kif ġej:

1. Fl-istabbilimenti fejn ikun sar it-tilqim:
 - (a) mill-inqas kull 3 ġimgħat, b'minn tal-inqas kampjunar tal-għasafar mejtin kollha, sa 15-il għasfur minn kull qatgħa, li jkunu nġabru fi żmien 48 siegħa qabel il-kampjunar. L-għadd ta' għasafar inklużi fil-kampjun għal kull qatgħa, it-tip ta' għasafar inklużi fil-kampjun u l-frekwenza tal-kampjunar **iridu** jippermettu d-detezzjoni tal-infezzjoni bil-virus tal-HPAI fil-qatgħa mlaqqmin bi probabbiltà ta' mill-inqas 99 % u b'livell ta' fiduċja ta' mill-inqas 95 %.
 - (b) permezz ta' kampjunar tal-għasafar mejtin kollha, sa 15-il għasfur għal kull qatgħa, meta tinqabeż ir-rata tal-mortalità mistennija ta' kuljum għal dik il-qatgħa.
2. Fl-istabbilimenti tal-pollam fejn ma jkunx sar it-tilqim:
 - (a) b'sorveljanza passiva tal-ispeċijiet Galliformes, u
 - (b) permezz ta' kampjunar ta' kull ġimgħa tal-għasafar mejtin kollha, sa 15-il għasfur għal kull qatgħa tal-ispeċijiet Anseriformes, li jkunu nġabru fi żmien ġimgħa.

PARTI 3

ANNIMALI U PRODOTTI SOĠĠETTI GĦALL-PROJBIZZJONI TAL-MOVIMENTI U L-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-GĦOTI TA' DEROGA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 13 F'ŻONA TAT-TILQIM FEJN ISIR TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-HPAI

1. **Annimali u prodotti tagħhom soġġetti għall-projbizzjoni tal-movimenti:** pollam jew għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin u l-prodotti tagħhom fiż-żona tat-tilqim u barra minnha.
2. **Prodotti ġerminali soġġetti għall-projbizzjoni tal-ġbir:** mhux applikabbli.
3. **Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' deroga f'konformità mal-Artikolu 13(2), il-punt (b), l-Artikolu 13(3), u l-Artikolu 13(4)**

Movimenti tal-pollam jew tal-għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin u l-prodotti tagħhom fiż-żona tat-tilqim u barra minnha jistgħu jiġu awtorizzati biss fil-każijiet koperti mill-Artikoli 28, 29 u 30, l-Artikolu 31(1) u l-Artikoli 33, 34 u 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u bl-istess kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi bħal dawk previsti fihom.

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' stennija, il-miżuri previsti fil-Parti 5, il-punti 2 sa 4, għandhom jibqgħu fis-seħħ fl-istabbilimenti li jżommu animali mlaqqmin, sakemm iżommuhom imlaqqmin.

PARTI 4

PERJODI TA' STENNIJA GĦALL-HPAI WARA TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA

L-awtorità kompetenti għandha żżomm fiż-żona tat-tilqim il-kundizzjonijiet previsti fil-parti 3 ta' dan l-Anness sakemm:

Perjodu ta' stennija	Tip ta' sorveljanza li għandha tiġi implimentata biex jintwera n-nuqqas ta' okkorrenza tal-HPAI matul il-perjodu ta' stennija
28 jum wara t-tlestija tat-tilqim protettiv ta' emerġenza jew fiż-żmien tat-tneħħija f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat 2020/687, taż-żoni ristretti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament Delegat, skont liema seħħ l-aħħar.	Sorveljanza klinika u tal-laboratorju (identifikazzjoni tal-patoġeni), f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c)(ii) sa (iv) u l-Parti 2 ta' dan l-Anness.

PARTI 5

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAT-TILQIM PREVENTIV TAL-HPAI

- Tip ta' vaċċin li għandu jintuża:** Vaċċini li ma jkunx fihom virus ħaj tal-influenza avjarja (il-vaċċini li fihom il-virus ħaj tal-influenza avjarja, kemm jekk attenwat kif ukoll jekk le, ma għandhomx jintużaw).
- Sorveljanza msaħħa li għandha tiġi implimentata fil-każ ta' tilqim preventiv:**
 - Għall-fini tas-sorveljanza kif stabbilit fil-punti 2.2 u 2.3, "qatgħa" tfisser il-pollam jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq kollha tal-istess stat ta' saħħa li jinżammu fl-istess spazju u li jaqsmu l-istess spazju ta' arja.
 - Is-sorveljanza passiva trid tiġi implimentata fl-istabbilimenti kollha fejn jinżammu l-pollam jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq fiż-żona fejn ikun ġie implimentat it-tilqim preventiv kontra l-HPAI meta jiġu osservati xi sinjali kliniċi jew leżjonijiet *post-mortem* li jindikaw l-HPAI jew meta jkun hemm bidla fil-parametri normali tal-produzzjoni u tas-saħħa bħar-rata tal-mortalità u bħall-konsum tal-għalf u tal-ilma.
 - Wara l-bidu tat-tilqim, is-sorveljanza attiva li ġejja trid titwettaq mill-inqas kull 30 jum minn veterinarju uffiċjali jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu fl-istabbilimenti kollha fejn jinżammu l-pollam jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin, għad-detezzjoni tal-okkorrenza tal-infezzjoni bil-virus selvaġġ tal-HPAI:
 - eżami kliniku li jinkludi verifika tar-rekords tal-produzzjoni u tar-rekords tas-saħħa tal-istabbiliment għal kull qatgħa, inkluża evalwazzjoni tal-istorja klinika tiegħu u tal-eżamijiet kliniċi tal-pollam jew tal-għasafar miżmuma fil-magħluq;

- (b) kampjunar għall-ittestjar permezz ta' metodi ta' identifikazzjoni tal-patoġeni tal-għasafar mejtin kollha, sa 15-il għasfur għal kull qatgħa, li jkunu nġabru fi żmien 48 siegħa qabel il-kampjunar;
- c) mill-perjodu ta' riskju għoli għall-infezzjoni bil-virus tal-HPAI, l-ittestjar meħtieġ fil-punt (b) jista' jitwettaq biss f'kampjun rappreżentattiv biżżejjed ta' stabbilimenti fejn jinżammu l-pollam jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin;
- d) l-għadd ta' stabbilimenti inklużi fil-kampjun għall-fini ta' sorveljanza kif meħtieġ fil-punti (b) u (c) u l-frekwenza tal-kampjunar iridu jikkonformaw ma':
 - (i) ir-reqwiziti minimi li ġejjin:

Speċijiet	% tal-istabbilimenti mlaqqmin li għandhom jiġu inklużi fil-kampjun	Frekwenza tal-kampjunar (jiem)
Tiġieġ li jbid	100	30
	25	7
Papri	100	30
	50	7
Dundjani	100	30
	25	7

jew

- ii) kwalunkwe disinn tal-kampjunar xjentifikament validu li jiżgura b'livell ta' fiduċja b'minn tal-inqas 95 % li l-popolazzjoni tal-pollam u tal-għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin tkun ħielsa mill-HPAI, b'sensittività b'minn tal-inqas 90 % għad-detezzjoni bikrija tal-infezzjoni bil-virus tal-HPAI.
- 2.4 L-għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin minn stabbilimenti konfinati u minn stabbilimenti li jżommu sa 50 għasfur miżmum fil-magħluq huma eżentati mis-sorveljanza mitluba fil-punt 2.3, is-subpunti (b), (c) u (d).
- 2.5 Is-sorveljanza prevista fil-punti 2.2 u 2.3 trid tibqa' fis-seħħ fl-istabbilimenti li jżommu annimali mlaqqmin sakemm iżommuhom imlaqqmin. B'deroga, fil-każ ta' għasafar miżmuma fil-magħluq mlaqqmin li jgħixu fit-tul jew dawk minn stabbilimenti konfinati, is-sorveljanza prevista fil-punti 2.2 u 2.3 trid tinżamm għal perjodu ta' 12-il xahar mid-data meta jkun ġie applikat l-aħħar tilqim.

3. **Annimali u prodotti tagħhom soġġetti għall-projbizzjoni tal-movimenti f'konformità mal-Artikolu 14(1):** pollam jew għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin u bajd għat-tifqis u prodotti ta' oriġini mill-annimali tagħhom.

4. **Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' deroga f'konformità mal-Artikolu 14(2), il-punt (b)**

4.1 Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' deroga għall-movimenti tal-pollam jew tal-għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin inklużi flieles ta' ġurnata u bajd għat-tifqis derivati minn tali pollam jew għasafar miżmuma fil-magħluq:

(a) Dawn huma pollam jew għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin li għalihom ir-riżultati tas-sorveljanza passiva u attiva, implimentati f'konformità mal-punt (2) ta' din il-Parti, ikunu negattivi għad-detezzjoni ta' infezzjoni bil-virus selvaġġ tal-HPAI, jew huma flieles ta' ġurnata u bajd għat-tifqis derivati minn tali pollam jew għasafar miżmuma fil-magħluq, u:

(i) fil-każ tal-pollam, dawn jiġu mċaqalqa lejn biċċerija għall-iskarnar immedjat; jew

(ii) dawn jiġu mċaqalqa mill-istabbilimenti tagħhom lejn stabbilimenti oħra:

– fejn isir it-tilqim; jew

– fejn jinżammu biss pollam jew għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin; jew

– fejn tista' tiġi żgurata s-separazzjoni sħiħa bejn pollam jew għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin u daww mhux imlaqqmin;

kif ukoll

(iii) il-pollam jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq, inklużi flieles ta' ġurnata u bajd għat-tifqis derivati minn tali pollam jew għasafar miżmuma fil-magħluq, imsemmija fis-subpunti (i) u (ii) ma jiġux imċaqalqa lejn Stat Membru ieħor;

jew

(b) dawn huma għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin minn stabbilimenti konfinati li jiġu mċaqalqa lejn stabbiliment konfinat fi Stat Membru ieħor dment li:

(i) l-awtorizzazzjoni ta' tali tip ta' movimenti tkun ingħatat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(ii) fi żmien 72 siegħa qabel il-moviment ikunu ġew soġġetti għal kampjunar għall-ittestjar permezz ta' metodi ta' identifikazzjoni tal-patoġeni b'riżultati favorevoli;

jew

(c) dawn huma pollam imlaqqam mibgħut għall-iskarnar immedjat lejn Stat Membru ieħor, dment li:

(i) is-sorveljanza applikata fl-istabbiliment tal-oriġini f'konformità mal-punt (2) ta' din il-Parti jkollha riżultati favorevoli;

- (ii) il-pollam tal-kunsinna li għandha tintbagħat ikunu ġew spezzjonati klinikament b'riżultati favorevoli minn veterinarju uffiċjali fi żmien 72 siegħa qabel il-ħin tat-tagħbija, u jkunu nkisbu riżultati favorevoli mill-itteżjar permezz ta' metodi ta' identifikazzjoni tal-patoġeni fuq kampjuni miġbura mill-qatgħa tal-orijini ta' mhux aktar minn 15-il għasfur mejjet fi żmien 72 siegħa qabel il-ħin tat-tluq ta' dik il-kunsinna ;

jew

- (d) dawn huma bajd għat-tifqis derivat minn pollam jew għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin:
 - (i) li joriġinaw minn qatgħa għat-tgħammir imlaqqma li għaliha s-sorveljanza passiva u attiva f'konformità mal-punt (2) ta' din il-Parti jkollha riżultati favorevoli;
 - (ii) li jkunu ġew iddiżinfettati qabel id-dispaċċ f'konformità ma' metodu approvat mill-awtorità kompetenti;
 - (iii) li jiġu ttrasportati direttament lejn il-mafqas destinatarju;
 - (iv) li jkunu jistgħu jiġu ttraċċati ġewwa l-mafqas;
 - (v) u li l-moviment tagħhom, fil-każ li jiġu mċaqalqa lejn Stat Membru ieħor, ikun ġie nnotifikat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni;

jew

- (e) dawn huma flieles ta' ġurnata derivati minn pollam imlaqqam:
 - (i) li joriġinaw minn qatgħa għat-tgħammir imlaqqma li għaliha s-sorveljanza passiva u attiva msaħħa f'konformità mal-punt (2) ta' din il-Parti jkollha riżultati favorevoli;
 - (ii) li jitqiegħdu f'binji jew f'barrakka tal-pollam fejn ma jkun hemm l-ebda pollam residenti;
 - (iii) u li l-moviment tagħhom, fil-każ li jiġu mċaqalqa lejn Stat Membru ieħor, ikun ġie nnotifikat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni.
- (f) b'deroga mit-tielet inċiż tal-punt 4.1(a)(ii), l-għasafar miżmuma fil-magħluq imlaqqmin minn stabbilimenti konfinati mċaqalqa lejn stabbiliment konfinat ieħor għal finijiet ta' tnissil jistgħu jinżammu flimkien ma' għasafar miżmuma fil-magħluq mhux imlaqqmin li huma parti mill-istess programm ta' tnissil;

4.2 Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' deroga għall-moviment tal-bajd għall-konsum mill-bniedem u laħam derivat minn pollam imlaqqam:

- (a) Il-bajd joriġina minn qatgħa mlaqqma li għaliha s-sorveljanza fil-punt (2) ta' din il-Parti jkollha riżultati favorevoli u jiġu ttrasportati direttament lejn:
 - (i) ċentru tal-ippakkjar iddeżinjat mill-awtorità kompetenti dment li jkun ippakkjat f'imballaġġ li jintrema jew f'imballaġġ li jista'

jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat b'tali mod li jiddiżattiva l-virus tal-HPAI; jew

- (ii) stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif stabbilit fit-Taqsima X, il-Kapitolu II tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 biex ikun immaniġġjat u ttrattat f'konformità mal-Kapitolu XI tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.
- (b) Il-moviment tal-laħam miksub minn pollam f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 4.1(a)(i), 4.1(a)(iii) u 4.1(c) jista' jiġi awtorizzat mingħajr kundizzjonijiet ulterjuri.”

PARTI 3

L-Annessi XV, XVI, XVII u XVIII li ġejjin jiżiedu mar-Regolament Delegat (UE) 2023/361.

“ANNESS XV

Id-deni klassiku tal-ħnieżer (CSF, classical swine fever) fl-annimali porċini selvaġġi

PARTI 1

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TA' TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAS-CSF

1. **Daqs taż-żona tat-tilqim:**

L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina ż-żona tat-tilqim abbażi ta':

- (a) il-popolazzjoni stmata tal-annimali porċini selvaġġi, id-distribuzzjoni spazjali tagħha u l-istruttura tal-pajsaġġ;
- (b) il-fatturi ta' riskju li jikkontribwixxu għat-tixrid tas-CSF, b'mod partikolari, ir-riskju li jiġi introdott fl-istabbilimenti tal-annimali porċini miżmuma;
- (c) ir-riżultati tal-kampjunar.

2. **Daqs taż-żona tal-peritilqim:** L-ebda kundizzjoni speċifika.

3. **Tip ta' vaċċin li għandu jintuża jew jingħata prijorità:** Vaċċini haġġin attenwati għandhom jingħataw prijorità. Vaċċini oħra jistgħu jintużaw biss għal raġunijiet debitament ġustifikati.

4. **Kopertura minima:** iridu jiġu adattati skont il-vaċċin użat, għall-kundizzjonijiet lokali u għall-karatteristiċi tal-popolazzjoni stmata tal-annimali porċini selvaġġi, id-distribuzzjoni spazjali tiegħu u l-istruttura tal-pajsaġġ.

5. **Annimali/speċijiet fil-mira:** L-annimali porċini selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, fiż-żona tat-tilqim.

6. **Il-kaċċa u attivitajiet oħra li x'aktarx jikkawżaw l-ispostament tal-popolazzjonijiet tal-annimali porċini selvaġġi:** Iridu jiġu rregolati fiż-żona tat-tilqim mill-inqas sa tmiem il-perjodu ta' stennija previst fil-parti 4. L-annimali porċini selvaġġi kkaċċjati jridu jiġu ttestjati b'testijiet ta' identifikazzjoni tal-patoġeni u ta' detezzjoni tal-antikorpi.

PARTI 2

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAS-SORVELJANZA KLINIKA U TAL-LABORATORJU MSAĦĦA LI GħANDHA TIĠI IMPLIMENTATA FIŻ-ŻONA TAT-TILQIM MATUL IT-TILQIM TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAS-CSF FL-ANNIMALI PORĊINI SELVAĠĠI

Fiż-żona tat-tilqim, wara li titlesta l-immunizzazzjoni orali, il-klassi tal-età tal-annimali porċini selvaġġi li trid tiġi eżaminata b'mod seroepidemjologiku għad-detezzjoni ta' infezzjoni ġdida jew emerġenti mill-ġdid tiddependi mill-istaġun li fih ikun tlesta t-tilqim u t-tul ta' żmien mit-tlestija.

Għandha tiġi implimentata sorveljanza speċifika fl-annimali porċini selvaġġi fiż-żona tat-tilqim biex jiġi vverifikat is-suċċess tal-operazzjoni tat-tilqim. Din is-sorveljanza għandha tinkludi sorveljanza tal-laboratorju msaħħa għall-valutazzjoni tal-livelli ta' immunità u għad-detezzjoni ta' kwalunkwe persistenza tal-virus fil-popolazzjoni tal-annimali porċini selvaġġi; dan jinkludi l-identifikazzjoni tal-patoġeni u d-detezzjoni tal-antikorpi fl-annimali porċini selvaġġi kollha kkaċċjati, maqtula u misjuba mejtin jew morda.

PARTI 3

ANNIMALI U PRODOTTI SOĠĠETTI GĦALL-PROJBIZZJONI TAL-MOVIMENTI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 13 F'ŻONA TAT-TILQIM FEJN ISIR TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAS-CSF FL-ANNIMALI PORĊINI SELVAĠĠI

1. **Annimali soġġetti għall-projbizzjoni tal-movimenti**

Annimali porċini selvaġġi.

2. **Prodotti soġġetti għall-projbizzjoni tal-movimenti**

Laħam frisk, prodotti tal-laħam u kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati miksuba minn annimali porċini selvaġġi u iġsma ta' annimali porċini selvaġġi.

3. **Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' deroga f'konformità mal-Artikolu 13(3)**

3.1. B'deroga mir-restrizzjonijiet fuq il-moviment stabbiliti skont il-punt 2, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-moviment tal-laħam frisk, prodotti tal-laħam u kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati fiż-żona tat-tilqim u barra minnha, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti turi li tali moviment ma joħloqx riskju ta' tixrid tas-CSF;
- (b) l-iġsma ta' annimali porċini selvaġġi jiġu ttestjati għall-preżenza tal-virus tas-CSF, b'riżultati negattivi miksuba qabel kwalunkwe moviment ulterjuri għall-ipproċessar jew għat-trattament;
- (c) il-moviment tal-iġsma ta' annimali porċini selvaġġi lejn l-istabbiliment tal-ipproċessar u tal-ħżin isir taħt miżuri stretti ta' bijosigurtà;
- (d) l-ipproċessar u l-ħżin tal-iġsma ta' annimali porċini selvaġġi u tal-prodotti derivati tagħhom isiru fi stabbilimenti ddeżinjati mill-awtorità kompetenti, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri ta' bijosigurtà u ta' kontroll tas-CSF;
- (e) jew:
 - (i) il-prodotti jgħaddu mit-trattamenti għall-mitigazzjoni tar-riskju kif stabbilit fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687; jew
 - (ii) il-laħam frisk, il-prodotti tal-laħam u kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali minn annimali porċini selvaġġi u iġsma ta' annimali porċini selvaġġi jiġu mċaqalqa fiż-żona ristretta:
 - għall-użu domestiku privat; jew
 - mill-kaċċaturi għall-provvista ta' kwantitajiet żgħar tal-kaċċa porċina selvaġġa jew tal-laħam tal-kaċċa selvaġġa li joriġina mill-porċini direttament lill-konsumatur finali jew lill-istabbilimenti lokali tal-bejgħ bl-immnut li jfornu direttament lill-konsumatur finali, kif previst fl-Artikolu 1(3), il-punt (e), tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

- 3.2. L-awtorità kompetenti għandha tiddokumenta u timmonitorja l-movimenti awtorizzati kollha skont din id-deroga u tiżgura l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3.1.

PARTI 4

PERJODI TA' STENNIJA GĦAS-CSF WARA TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA

L-awtorità kompetenti għandha żżomm fiż-żona tat-tilqim il-kundizzjonijiet previsti fil-parti 3 ta' dan l-Anness sakemm:

Perjodu ta' stennija	Tip ta' sorveljanza li għandha tiġi implimentata biex jintwera n-nuqqas ta' okkorrenza tas-CSF matul il-perjodu ta' stennija
12-il xahar wara d-data tat-tmiem tal-aħħar kampanja ta' tilqim fl-annimali porċini selvaġġi, u appoġġata mill-konklużjonijiet favorevoli tal-implimentazzjoni ta' strateġija ta' ħruġ li wriet in-nuqqas ta' ċirkolazzjoni tal-virus tas-CSF.	Sorveljanza klinika u tal-laboratorju (identifikazzjoni tal-patoġeni fl-annimali porċini selvaġġi misjuba mejtin jew maqtula) f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c)(ii) sa (iv) u l-Parti 2 ta' dan l-Anness"

“ANNEX XVI

Id-deni tal-ħnieżer Afrikan (ASF, African swine fever) fl-annimali porċini miżmuma

PARTI 1

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TA' TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-ASF FL-ANNIMALI PORĊINI MIŻMUMA

- Daqs taż-żona tat-tilqim:** L-ebda kundizzjoni speċifika.
- Daqs taż-żona tal-peritilqim:** L-ebda kundizzjoni speċifika.
- Tip ta' vaċċin li għandu jintuża:** Vaċċini tal-ASF li għandhom awtorizzazzjoni ċentralizzata għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 44(9) tar-Regolament 2019/6
- Kopertura minima:** Il-kopertura tal-vaċċin trid tkun mill-inqas 95 % tal-istabbilimenti fiż-żona tat-tilqim li jirrappreżentaw 80 % tal-annimali fil-mira f'kull wieħed minn dawk l-istabbilimenti.
- Annimali/speċijiet fil-mira:** L-annimali tal-ispeċijiet elenkati, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, miżmuma fiż-żona tat-tilqim.

PARTI 2

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAS-SORVELJANZA KLINIKA U TAL-LABORATORJU MSAĦĦA LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI FIŻ-ŻONI TAT-TILQIM U TAL-PERITILQIM MATUL IT-TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-ASF

Is-sorveljanza klinika u tal-laboratorju msaħħa għandha tiġi implimentata fiż-żoni tal-peritilqim u tat-tilqim għad-detezzjoni tal-istabbilimenti li jżommu l-annimali tal-ispeċijiet elenkati li kellhom kuntatt mal-virus tal-ASF (ASFV) mingħajr ma wrew sinjali kliniċi tal-marda.

Meta jkun għaddew mill-inqas 30 jum mit-tlestija tat-tilqim protettiv ta' emerġenza, għandha tinbeda s-sorveljanza li ġejja:

Fiż-żona tal-peritilqim, kull stabbiliment għandha ssirlu żjara mill-inqas darba minn veterinarju uffiċjali li għandu jwettaq kampjunar għas-sorveljanza tal-laboratorju b'testijiet ta' identifikazzjoni tal-patoġeni mmirati lejn l-annimali porċini miżmuma mejtin li jkollhom aktar minn 60 jum. Fin-nuqqas ta' tali annimali mejtin li jkollhom aktar minn 60 jum, il-kampjunar jista' jitwettaq fuq kwalunkwe annimal porċin miżmum li miet jew li nqatel wara l-ftam.

Fiż-żona tat-tilqim, kull stabbiliment fejn ikun sar it-tilqim għandha ssirlu żjara minn veterinarju uffiċjali li għandu jwettaq il-kampjunar:

- (i) għas-seroloġija minn annimali mlaqqmin tal-ispeċijiet elenkati biex tiġi vvalutata l-effettività tat-tilqim.
- (ii) għall-identifikazzjoni tal-patoġeni minn tal-inqas l-ewwel żewġ annimali porċini miżmuma mejtin kull ġimgħa li jkollhom aktar minn 60 jum. Fin-nuqqas ta' tali annimali mejtin li jkollhom aktar minn 60 jum, il-kampjunar jista' jitwettaq fuq kwalunkwe annimal porċin miżmum li miet jew li nqatel wara l-ftam.

PARTI 3

ANNIMALI U PRODOTTI SOĠĠETTI GĦALL-PROJBIZZJONI TAL-MOVIMENTI U L-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-GĦOTI TA' DEROGA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 13 F'ŻONA TAT-TILQIM FEJN ISIR TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-ASF

1. Annimali u prodotti tagħhom soġġetti għall-projbizzjoni tal-movimenti

L-annimali, il-prodotti ġerminali u l-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żona tat-tilqim, fiż-żona tat-tilqim u barra minnha:

- (a) annimali porċini miżmuma;
- (b) semen, ooċiti u embrijuni minn annimali porċini miżmuma donaturi;
- (c) fresh meat and meat products, including casings, obtained from kept porcine animals.

2. Prodotti ġerminali soġġetti għall-projbizzjoni tal-ġbir

Semen, ooċiti u embrijuni għal inseminazzjoni artifiċjali minn annimali porċini donaturi mlaqqmin miżmuma fi stabbilimenti approvati tal-prodotti ġerminali li jinsabu fiż-żona tat-tilqim.

3. **Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' deroga f'konformità mal-Artikolu 13(2), il-punt (b), l-Artikolu 13(3), u l-Artikolu 13(4)**

Movimenti tal-annimali u tal-prodotti tagħhom li jistgħu jiġu awtorizzati:

- 3.1 movimenti tal-annimali porċini miżmuma, direttament mill-istabbiliment tal-orijini fiż-żona tat-tilqim:
- (a) lejn biċċerija għall-iskarnar immedjat li tinsab fiż-żona tat-tilqim; jew
 - (b) lejn biċċerija għall-iskarnar immedjat li tinsab kemm jista' jkun qrib iż-żona tat-tilqim, fl-istess Stat Membru, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti fl-Artikolu 24, l-Artikolu 28(2), (3), (4), (5) u (7) u l-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;
 - (c) impjant approvat tal-prodotti sekondarji tal-annimali għall-qtil u għar-rimi, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti fl-Artikolu 24, l-Artikolu 28(2), (3), (4), (5) u (7) u l-Artikolu 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;
- 3.2 moviment tal-laħam frisk mill-annimali porċini miżmuma f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33(1), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u ta' prodotti tal-laħam minn annimali porċini miżmuma, inklużi l-budellati, jekk ikunu għaddew minn wieħed mit-trattamenti għall-mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

PARTI 4

PERJODI TA' STENNIJA GĦAS-CSF WARA TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA

L-awtorità kompetenti għandha żżomm fiż-żona tat-tilqim il-kundizzjonijiet previsti fil-parti 3 ta' dan l-Anness sakemm:

Perjodu ta' stennija	Tip ta' sorveljanza li għandha tiġi implimentata biex jintwera n-nuqqas ta' okkorrenza tal-ASF matul il-perjodu ta' stennija
tliet xhur wara li l-annimali porċini kollha mlaqqmin ikunu ġew skarnati jew maqtula, minbarra l-annimali porċini miżmuma msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament 2020/687 meta jkun hemm mezzi, ivvalidati f'konformità mal-Manwal Terrestri tad-WOAH, li jiddistingwu bejn annimali porċini miżmuma mlaqqmin u dawk infettati.	Sorveljanza klinika u tal-laboratorju (identifikazzjoni tal-patoġeni u detezzjoni tal-antikorpi) f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c)(ii) sa (iv) u l-Parti 2 ta' dan l-Anness"

“ANNESS XVII

Id-deni tal-ħnieżer Afrikan (ASF, African swine fever) fl-annimali porċini selvaġġi

PARTI 1

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAT-TILQIM TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-ASF FL-ANNIMALI PORĊINI SELVAĠĠI

1. **Daqs taż-żona tat-tilqim:** L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina ż-żona tat-tilqim abbażi ta':
 - a) il-popolazzjoni stmata tal-annimali porċini selvaġġi, id-distribuzzjoni spazjali tagħha u l-istruttura tal-pajsaġġ;
 - b) il-fatturi ta' riskju li jikkontribwixxu għat-tixrid tal-ASF, b'mod partikolari, ir-riskju li jiġi introdott fl-istabbilimenti tal-annimali porċini miżmuma;
 - c) ir-riżultati tal-kampjunar.
2. **Daqs taż-żona tal-peritilqim:** L-ebda kundizzjoni speċifika.
3. **Tip ta' vaċċin li għandu jintuża jew jingħata prijorità:** Vaċċini tal-ASF li għandhom awtorizzazzjoni ċentralizzata għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 44(9) tar-Regolament 2019/6.
4. **Kopertura minima:** iridu jiġu adattati skont il-vaċċin użat, għall-kundizzjonijiet lokali u għall-karatteristiċi tal-popolazzjoni stmata tal-annimali porċini selvaġġi, id-distribuzzjoni spazjali tiegħu u l-istruttura tal-pajsaġġ.
5. **Annimali/speċijiet fil-mira:** L-annimali porċini selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, fiż-żona tat-tilqim.
6. **Il-kaċċa u attivitajiet oħra li x'aktarx jikkawżaw l-ispostament tal-popolazzjonijiet tal-annimali porċini selvaġġi:** Iridu jiġu rregolati fiż-żona tat-tilqim mill-inqas sa tmiem il-perjodu ta' stennija previst fil-parti 4. L-annimali porċini selvaġġi kkaċċjati jridu jiġu ttestjati b'testijiet ta' detezzjoni tal-antikorpi u b'testijiet ta' identifikazzjoni tal-patoġeni.

PARTI 2

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAS-SORVELJANZA KLINIKA U TAL-LABORATORJU MSAĦĦA LI GĦANDHA TIĠI IMPLIMENTATA FIŻ-ŻONA TAT-TILQIM MATUL IT-TILQIM TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-ASF FL-ANNIMALI PORĊINI SELVAĠĠI

Fiż-żona tat-tilqim, wara li titlesta l-immunizzazzjoni orali, il-klassi tal-età tal-annimali porċini selvaġġi li trid tiġi eżaminata b'mod seroepidemjologiku għad-detezzjoni ta' infezzjoni ġdida jew emerġenti mill-ġdid tiddependi mill-istaġun li fih ikun tlesta t-tilqim u t-tul ta' żmien mit-tlestija.

Għandha tiġi implimentata sorveljanza speċifika fl-annimali porċini selvaġġi fiż-żona tat-tilqim biex jiġi vverifikat is-suċċess tal-operazzjoni tat-tilqim.

Din is-sorveljanza għandha tinkludi sorveljanza tal-laboratorju msaħħa għall-valutazzjoni tal-livelli ta' immunità u għad-detezzjoni ta' kwalunkwe persistenza tal-virus fil-popolazzjoni tal-

annimali porċini selvaġġi; dan jinkludi l-identifikazzjoni tal-patoġeni u d-detezzjoni tal-antikorpi fl-annimali porċini selvaġġi kollha kkaċċjati, maqtula u misjuba mejtin jew morda.

PARTI 3

ANNIMALI U PRODOTTI SOĠĠETTI GĦALL-PROJBIZZJONI TAL-MOVIMENTI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 13 F'ŻONA TAT-TILQIM FEJN ISIR TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-ASF FL-ANNIMALI PORĊINI SELVAĠĠI

1. **Annimali soġġetti għall-projbizzjoni tal-movimenti**

Annimali porċini selvaġġi.

2. **Prodotti soġġetti għall-projbizzjoni tal-movimenti**

Laħam frisk, prodotti tal-laħam u kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati miksuba minn annimali porċini selvaġġi u iġsma ta' annimali porċini selvaġġi.

3. **Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' deroga f'konformità mal-Artikolu 13(3)**

3.1. B'deroga mir-restrizzjonijiet fuq il-moviment stabbiliti skont il-punt 2, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-moviment tal-laħam frisk, prodotti tal-laħam u kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati fiż-żona tat-tilqim u barra minnha, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti turi li tali moviment ma joħloqx riskju ta' tixrid tal-ASF;
- (b) l-iġsma ta' annimali porċini selvaġġi jiġu ttestjati għall-preżenza tal-virus tal-ASF, b'riżultati negattivi miksuba qabel kwalunkwe moviment ulterjuri għall-ipproċessar jew għat-trattament;
- (c) il-moviment tal-iġsma ta' **annimali** porċini selvaġġi lejn l-istabbiliment tal-ipproċessar u tal-ħżin isir taħt miżuri stretti ta' bijosigurtà;
- (d) l-ipproċessar u l-ħżin tal-iġsma ta' annimali porċini selvaġġi u tal-prodotti derivati tagħhom isiru fi stabbilimenti ddeżinjati mill-awtorità kompetenti, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri ta' bijosigurtà u ta' kontroll tal-ASF;
- (e) jew:
 - (i) il-prodotti jgħaddu mit-trattamenti għall-mitigazzjoni tar-riskju kif stabbilit fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687; jew
 - (ii) il-laħam frisk, il-prodotti tal-laħam u kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali minn annimali porċini selvaġġi u iġsma ta' annimali porċini selvaġġi jiġu mċaqalqa fiż-żona ristretta:
 - għall-użu domestiku privat; jew
 - mill-kaċċaturi għall-provvista ta' kwantitajiet żgħar tal-kaċċa porċina selvaġġa jew tal-laħam tal-kaċċa selvaġġa li joriġina mill-porċini direttament lill-konsumatur finali jew lill-istabbilimenti lokali tal-bejgħ bl-immnut li jfornu direttament lill-konsumatur finali, kif previst fl-Artikolu 1(3), il-punt (e), tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

- 3.2. L-awtorità kompetenti għandha tiddokumenta u timmonitorja l-movimenti awtorizzati kollha skont din id-deroga u tiżgura l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 3.1.

PARTI 4

PERJODI TA' STENNIJA GĦAS-CSF WARA TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA

L-awtorità kompetenti għandha żżomm fiż-żona tat-tilqim il-kundizzjonijiet previsti fil-parti 3 ta' dan l-Anness sakemm:

Perjodu ta' stennija	Tip ta' sorveljanza li għandha tiġi implimentata biex jintwera n-nuqqas ta' okkorrenza tal-ASF matul il-perjodu ta' stennija
12-il xahar wara d-data tat-tmiem tal-aħħar kampanja ta' tilqim fl-annimali porċini selvaġġi, u appoġġata mill-konklużjonijiet favorevoli tal-implimentazzjoni ta' strateġija ta' ħruġ li wriet in-nuqqas ta' ċirkolazzjoni tal-virus tal-ASF.	Sorveljanza klinika u tal-laboratorju (identifikazzjoni tal-patoġeni fl-annimali porċini selvaġġi misjuba mejtin jew maqtula) f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c)(ii) sa (iv) u l-Parti 2 ta' dan l-Anness"

“ANNESS XVIII

Ġidri tan-nagħaġ u ġidri tal-mogħoż (SPGP, Sheep pox and goat pox)

PARTI 1

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TA' TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-ĠIDRI TAN-NAGĦAĠ U L-ĠIDRI TAL-MOGĦOŻ

- Daqs taż-żona tat-tilqim:** L-ebda regola speċifika.
- Daqs taż-żona tal-peritilqim:** L-ebda kundizzjoni speċifika.
- Tip ta' vaċċin li għandu jintuża:** L-ebda regola speċifika.
- Kopertura minima:** Il-kopertura tal-vaċċin trid tkun mill-inqas 95 % tal-istabbilimenti fiż-żona tat-tilqim li jirrappreżentaw mill-inqas 80 % tal-annimali fil-mira fiż-żona tat-tilqim.
- Annimali/speċijiet fil-mira:** Annimali tal-ispeċijiet elenkati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 miżmuma fiż-żona tat-tilqim, inklużi mill-inqas annimali ovini u kaprini.

PARTI 2

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAS-SORVELJANZA KLINIKA U TAL-LABORATORJU MSAĦĦA LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI FIŻ-ŻONI TAT-TILQIM U TAL-PERITILQIM MATUL IT-TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-ĠIDRI TAN-NAGĦAĠ U L-ĠIDRI TAL-MOGĦOŻ

Sorveljanza klinika msaħħa: sorveljanza għal sinjali kliniċi tal-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż kif ukoll għal żieda fil-mortalità fir-ruminanti żgħar.

PARTI 3

ANNIMALI U PRODOTTI SOĠĠETTI GĦALL-PROJBIZZJONI TAL-MOVIMENTI U L-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-GĦOTI TA' DEROGA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 13 F'ŻONA TAT-TILQIM FEJN ISIR TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA GĦALL-PREVENZJONI U L-KONTROLL TAL-ĠIDRI TAN-NAGĦAĠ U L-ĠIDRI TAL-MOGĦOŻ

1. Annimali u prodotti tagħhom soġġetti għall-projbizzjoni tal-movimenti:
L-istess annimali u prodotti, li jinsabu fiż-żoni tat-tilqim, bħal daww soġġetti għal restrizzjonijiet fi stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti fil-każ ta' tifqigħa tal-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż, kif previst fl-Artikolu 27 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.
2. Prodotti ġerminali soġġetti għall-projbizzjoni tal-ġbir: semen, ooċiti u embrijuni minn annimali tal-ispeċijiet elenkati.
3. Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' deroga f'konformità mal-Artikolu 13(2), il-punt (b), l-Artikolu 13(3), u l-Artikolu 13(4).
Il-movimenti li jistgħu jiġu awtorizzati huma dawn li ġejjin:
 - 3.1. Movimenti tal-annimali mlaqqmin u tal-prodotti tagħhom, bl-istess kundizzjonijiet bħal daww previsti fl-Artikolu 43 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.
 - 3.2. Movimenti tal-annimali mhux imlaqqmin u l-prodotti tagħhom, dment li l-istabbilimenti tal-oriġini tagħhom ma jibqgħux iżommu annimali mlaqqmin.

PARTI 4

PERJODI TA' STENNIJA GĦALL-ĠIDRI TAN-NAGĦAĠ U L-ĠIDRI TAL-MOGĦOŻ WARA TILQIM PROTETTIV TA' EMERĠENZA

L-awtorità kompetenti għandha żżomm fiż-żona tat-tilqim il-kundizzjonijiet previsti fil-parti 3 ta' dan l-Anness sakemm:

Perjodu ta' stennija	Tip ta' sorveljanza li għandha tiġi implimentata biex jintwera n-nuqqas ta' okkorrenza tal-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż matul il-perjodu ta' stennija
30 jum wara d-diżinfezzjoni tal-aħħar stabbiliment affettwat u l-iskarnar jew il-qtil tal-annimali mlaqqmin kollha	Sorveljanza klinika u tal-laboratorju (identifikazzjoni tal-patoġeni u detezzjoni tal-antikorpi) f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c)(ii) sa (iv) u l-Parti 2 ta' dan l-Anness
8 xhur wara l-aħħar tilqim jew id-diżinfezzjoni tal-aħħar stabbiliment affettwat, skont liema jkun seħħ l-aħħar	Sorveljanza klinika u tal-laboratorju (identifikazzjoni tal-patoġeni u detezzjoni tal-antikorpi) f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c)(ii) sa (iv) u l-Parti 2 ta' dan l-Anness"

PARTI 4

Il-Lista tal-Annessi hija sostitwita b'dan li ġej:

“LISTA TAL-ANNESSI

1. L-Anness I dwar il-mard tal-kategorija A u B li għalih l-użu tal-vaċċini għandu jkun ipprojbit mill-Istati Membri u dwar l-użu ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji, għajr vaċċini, għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-kategorija A u B.
2. L-Anness II dwar il-kriterji għall-użu ta' vaċċin għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' marda tal-kategorija A fl-animali.
3. L-Anness III dwar l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-pjan uffiċjali ta' tilqim.
4. L-Anness IV dwar l-informazzjoni preliminari li għandha tiġi pprovduta lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni qabel it-tilqim.
5. L-Anness V dwar ir-rekords minimi rigward it-tilqim.
6. L-Anness VI dwar l-informazzjoni minima li għandha tiġi pprovduta mill-awtorità kompetenti lil Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tat-tilqim.
7. L-Anness VII dwar it-tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer (FMD).
8. L-Anness VIII dwar it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tad-Deni tal-Wied tar-Rift (RVF).
9. L-Anness IX dwar it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda tal-inafet fil-ġilda (LSD).
10. L-Anness X dwar it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar (PPR).
11. L-Anness XI dwar it-tilqim kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel (AHS).
12. L-Anness XII dwar it-tilqim kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer (CSF) fl-animali porċini miżmuma.
13. L-Anness XIII dwar it-tilqim kontra l-influwenza avjarja b'patogeniċità għolja (HPAI).
14. L-Anness XIV dwar it-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle (NCD).
15. L-Anness XV dwar it-tilqim kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer (CSF) fl-animali porċini selvaġġi.
16. L-Anness XVI dwar it-tilqim kontra d-deni tal-ħnieżer Afrikan (ASF) fl-animali porċini miżmuma.
17. L-Anness XVII dwar it-tilqim kontra d-deni tal-ħnieżer Afrikan (ASF) fl-animali porċini selvaġġi.
18. L-Anness XVIII dwar it-tilqim kontra l-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż (SPGP).”